MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. ELLUL ANTHONY

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 571/2002/1

**Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta’ l-assikurata taghha Altours Limited u l-istess Altours Limited**

**Vs**

**Joseph Cutajar**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz l-atturi talbu l-hlas tas-somma sitt mija u disgha u hamsin lira Maltija u hamsa u hamsin centezmu (Lm659.55), danni sofferti mill-atturi wara incident tat-traffiku li sehh fis-26 ta’ Gunju 1999 fir-Rabat, bejn vettura DAK 331 misjuqa minn Aleksandrov Dimitriy u vettura IAL 941 misjuqa mill-konvenut, u ghal liema incident huwa unikament responsabbli l-konvenut.

Ra li l-konvenut ma pprezentatx risposta.

Semgha x-xhieda.

Ra l-atti.

Ikkunsidra:

1. It-Tribunal huwa sodisfatt li mill-provi rrizulta ampjament ippruvat li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident meritu tal-kawza. Il-vettura misjuqa minn Aleksandrov Dimitriy kienet qeghda tinstaq fid-direzzjoni opposta ghall-vettura misjuqa mill-konvenut. Jirrizulta li dan ta' l-ahhar tilef il-kontrol u qasam ghal fuq il-karreggjata li minnha kienet ghaddejja l-vettura numru DAK 331.

2. B'riferenza ghad-danni reklamati, ma saret l-ebda kontestazzjoni u dawn jirrizultaw sodisfacentement ippruvati.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' sitt mija u disgha u hamsin lira Maltija u hamsa u hamsin centezmu (Lm659.55) u dan peress li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident. Bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez huma kollha ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**